

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-20 ta' Settembru 2011, Meica vs UASI — TofuTown.com (TOFU-KING) (T-99/10), li permezz tagħha din tal-aħħar annullat id-deċiżjoni tal-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Jannar 2010 (Każ R 63/2009-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Meica Ammerländische Fleischwarenfabrik Fritz Meinen GmbH & Co. KG u TofuTown.com GmbH — Probabbiltà ta' konfużjoni

Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) TofuTown.com GmbH hija kkundannata li tbat, barra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż sostnuti minn Meica Ammerländische Fleischwarenfabrik Fritz Meinen GmbH & Co. KG.
- (3) L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) għandu jbat l-ispejjeż tiegħu.

(¹) ĠU C 133, 5.5.2012.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Lulju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Gyulai Törvénszék — l-Ungerija) — HERMES Hitel és Faktor Zrt vs Nemzeti Földalapkezelő Szervezet

(Kawża C-16/12) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni — Liġi dwar il-foresti — Nuqqas ta' rabta mad-dritt tal-Unjoni — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2012/C 303/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Gyulai Törvénszék

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: HERMES Hitel és Faktor Zrt

Konvenuta: Nemzeti Földalapkezelő Szervezet

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Gyulai Törvénszék — Interpretazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni — Kuntratt ta' self ipotekarju konkluż bejn istituzzjoni finanzjarja u istituzzjoni pubblika — Emenda leġiżlattiva li tiddikjara *extra commercium* ċerti territorji ta' foresta li qabel kienu beni *in commercium* — Emenda li tagħmel impossibbli l-bejgħ b'irkant pubbliku ta'

artijiet koperti mill-imsemmija ipoteka wara l-proċeduri ġudizzjarji li nbdew mill-kreditur għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt mid-debitur

Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja hija manifestament nieqsa mill-ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għad-domandi magħmula mill-Gyulai Törvénszék (l-Ungerija), permezz tad-deċiżjoni tal-4 ta' Jannar 2012.

(¹) ĠU C 126, 28.4.2012.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Lulju 2012 — Gino Trevisanato vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-25/12 P) (¹)

(Appell — Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura — Talba intiża għal inġunzjoni sabiex il-Kummissjoni tieħu pożizzjoni dwar l-interpretazzjoni u l-implementazzjoni ta' direttiva — Inammissibbiltà manifesta)

(2012/C 303/14)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Gino Trevisanato (rappreżentant: L. Sulfaro, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tat-13 ta' Diċembru 2011, Trevisanato vs Il-Kummissjoni (T-510/11), li permezz tiegħu din tal-aħħar ċaħdet ir-rikors kontra l-Kummissjoni intiż sabiex tieħu pożizzjoni dwar l-ilment ippreżentat mir-rikorrent — Nuqqas tal-Kummissjoni li tagħti opinjoni vinkolanti dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327) — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali — Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 111 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) G. Trevisanato għandu jbat l-ispejjeż tiegħu.

(¹) ĠU C 65, 3.3.2012.